**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 206/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Keith Azzopardi**

Illum, 27 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Keith Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 46793(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1) Nhar l-4 ta' Jannar 2023 u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gzejjer, ġab ruħu li ta fastidju lil Anaise Sammut, persuna li kellha tarbija minnu u li kienet f'relazzjoni miegħu, jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għall-istess Anaise Sammut;
2) U aktar talli fl-istess zmien, lok u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Anaise Sammut, persuna li kellha tarbija minnu u li kienet f'relazzjoni miegħu u l-imġieba tiegħu tammonta għal segwiment ta' persuni bil-moħbi;
3) U aktar talli, fl-istess data, zmien, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Anaise Sammut, persuna li kellha tarbija minnu u li kienet f'relazzjoni miegħu, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li l-imġieba tiegħu ser tikkaġuna din il-biza;

4) U aktar talli nhar l-4 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' 09:30am f'Raħal Ġdid, attakka jew għamel rezistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiex vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku ċioe' PC 877 Peter Glen Vella u PC 606 Joseph Ellul, filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
5) U aktar talli nhar l-4 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' 09:30am f'Raħal Ġdid, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Mario Sammut f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Mario Sammut u ċioe' ferita ta' natura ħafifa kif ċċertifikat minn Dr Jessica Pavia Med Reg 4451;
6) U aktar talli fl-istess zmien, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali lil Anaise Sammut jew, jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
7) U aktar talli fl-istess zmien, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew mod ieħor;
8) U aktar talli fl-istess zmien, lok u ċirkostanzi, ma obdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku ċioe' lil PC 877 Peter Glen Vella u PC 606 Joseph Ellul, jew ma ħallijhomx jew fixkilhom waqt li kienu qegħdin jagħmlu dmirijithom;
9) U aktar talli kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiza mogħtija fil-konfront tiegħu nhar 28 ta' Settembru 2022, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta minn Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
10) U aktar talli kiser il-kundizzjonijet tal-liberta' provizorja impost fuqu nhar 31 ta' Diċembru 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr Monica Vella LL.D, f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkomettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li qiegħed meħlus mill-arrest;
11) U aktar talli sar reċediv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 17, 28B(1), 31, 49, 50, 96, 221, 251A(1)(a), 251A(1)(b), 251A(2), 251A(4), 251AA(1)(a), 251AA(1)(b), 251AA(3). 251AA(4), 251H, 222(1), 202(h), 251B(1), 251B(2), 339(1)(e), 338(m), 338(ee), 579(2), 579(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) sabet lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u:

1. Ordnat illi s-sentenza sospiża ta' sena mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-16 ta' Frar 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Joanna Piscopo) v. Keith Azzopardi (per Maġ. Illum Imħallef Dr. Josette Demicoli) tidħol fis-seħħ;

2. Ikkundanatu jiskonta piena karċerarja ta' sentejn;
3. Ikkundanatu jħallas multa ta' erbat elef u ħames mitt euro (€ 4,500);
4. Irrevokat id-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-31 ta' Diċembru 2019 mogħti minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella u ordnat il-konfiska tal-ammont ta' ħames mitt euro (€500) mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;
5. Ħarġet Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur Anaise Sammut, Mario Sammut, Ayrton Sammut u Antonia Sammut għal perjodu ta' tlett (3) snin mill-iskadenza tal-piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Keith Azzopardi, ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn fuq l-ammissjoni tiegħu stess, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, tħassarha u tirrevokaha in kwantu għall-piena nflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 26 ta' Settembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda ta' Maria Mifsud u Ditmar Darmanin.

Rat il-*pre-sentencing report* mħejji minn Maria Mifsud, liema rapport ġie ppreżentat *seduta stante* nhar il-11 ta' Ottubbru 2024.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-uniku aggravju li jressaq l-appellant fl-appell minnu ntentat jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu meta jilmenta illi din kienet waħda eċċessiva, u dan anke fid-dawl tal-fatt li huwa rreġistra ammissjoni bikrija f'dawn il-proċeduri.

Illi l-Qorti tfakkar lill-appellant illi bħala qorti ta' reviżjoni qajla tasal biex tirrimpjazza l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1] .

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali jemerġi illi l-appellant irreġistra ammissjoni nkondizzjonata meta huwa tressaq il-Qorti bl-arrest u ċioe' nhar il-5 ta' Jannar 2023. Huwa kien legalment assistit u l-Ewwel Qorti mxiet skrupolozament mad-dettami tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk, għalkemm ma hemm l-ebda lanjanza dwar dan, tqis illi din l-ammissjoni hija waħda valida u magħmula skont il-liġi fejn imwissi fuq il-konsegwenzi ta'l-ammissjoni tiegħu, l-appellant mogħti żmien xieraq mill-Ewwel Qorti sabiex jaħsibha, għoġbu jikkonferma din l-ammissjoni.

Illi, *in oltre*, l-Qorti rat ukoll it-testimonjanza tal-*Probation Officer* Donalise Camilleri li xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarret li segwiet lill-appellant minn Settembru 2020 sas-16 ta' Frar 2022 u matul dak il-perijodu, l-istess appellant attenda biss sessjoni waħda mit-tmien appuntamenti lilu mogħtija, fejn f'din l-uniku sessjoni rriżulta ukoll posittiv għad-droga kokajina.

Illi, quddiem din il-Qorti xehdet ukoll il-*Probation Officer* Maria Mifsud li ilha ssegwi lill-appellant minn Diċembru 2023 u kienet qed tara andament pozittiv minnu. Fil-fatt il-Qorti ħasset illi kellha tagħti opportunita' lill-appellant sabiex jimxi 'il quddiem qabel ma tgħaddi għas-sentenza. Madanakollu, sfortunatament, huwa għamel rigress fl-imġieba tiegħu tant li fil-*pre-sentencing report* imħejji mill-imsemmija Uffiċjal hija tikkonkludi hekk:–

> **Mill-informazzjoni miġbura għall-fini ta' dan ir-rapport jirrizulta li l-problema tad-droga u tal-alkoħol għadhom prominenti fil-ħajja tal-appellant. Jirrizulta ukoll li l-appellant ma bbenifikax miz-zmien u mill-opportunitajiet differenti li ngħata mill-Qrati u minn diversi professjonisti li ppruvaw jaħdmu miegħu, sabiex jindirizza verament il-problema tad-droga u tal-alkoħol meta huwa kien barra fil-Komunita'. Għaldaqstant qed jiġi ssuġġeriet li s-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati tiġi**

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

> **kkonfermata u magħha tiġi annessa Ordni ta' Trattament skond l-Artikolu 412D sabiex jiġi zgurat li l-appellant jaħdem fuq il-problema akuta tad-droga u tal-alkoħol li huwa għandu.**

Illi, finalment din l-Qorti tinnota ukoll li l-fedina penali tal-appellant hija waħda kkulurita, u tinkludi ukoll reati simili bħal dawk li huwa addebitat bihom fil-każ odjern, kif tajjeb tistqarr l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar in-natura tal-piena li kellha tiġi inflitta. Dan ikompli jsaħħaħ il-konkluzjonijiet milħuqa mill-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud fir-rapport tagħha, u ċioe' illi l-appellant ma tgħallimx mill-izbalji tiegħu tal-passat u dana rrispettivament mill-fatt li huwa ngħata diversi opportunitajiet minn dawn il-qrati sabiex jirriforma ħajtu, liema opportunitajiet huwa qed jirrifjuta li jieħu. Illi allura f'dan ix-xenarju huwa biss permezz ta'l-inkarċerazzjoni illi hemm it-tama li l-appellant jagħraf darba għal dejjem jindirizza l-problemi tal-vizzji li ħakmulu ħajjtu bit-tama illi huwa ma jitlifx it-talenti li għandu kemm sportivi kif ukoll artistiċi.

Għaldaqstant, l-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni valida li tista' twassalha tiskossa d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u l-piena minnha erogata. Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Il-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex, sakemm jkun inkarċerat, l-appellant Keith Azzopardi jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex jipprova jegħleb id-dipendenza li għandu tad-droga u tal-alkoħol.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**